MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Numru 99/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Stephen Spiteri**
**Mark Dimech**
**Alan Magro**

**Illum 26 ta’ Gunju tas-sena 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati:

Stephen sive Steve Spiteri ta’ ghoxrin (20) sena iben Grezzju u Marija nee’ Spiteri, imwieled Pieta` nhar is-7 t’Awissu tas-sena 1981 u residenti gewwa l-fond bin-numru 25, Fleet Street, Gzira, u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 435381(M);

u

Mark Dimech ta’ ghoxrin (20) sena iben Peter u Jacqueline nee` Bugeja, imwieled il-Pieta’ nhar il-11 ta’ Jannar ta’ l-1982, u residenti gewwa l-fond Entratura F, Flat 4, Binja Vista, Triq Dun Mauro Ingwanez, Birkirkara u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 71282(M);

u

Allan Magro ta’ sbatax (17)-il sena iben Charles u Antonia nee` Fenech, imwieled Pieta` nhar l-14 t’April ta’ l-1984, u residenti gewwa l-fond bin-numru 14, Triq is-Saghtrija, Attard u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 226384(M);

Akkuzati talli b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Talli fi Triq l-Imsida Gzira, nhar il-31 ta’ Dicembru tas-sena 2001 ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ filghodu (6.45a.m.) kkommettew serq ta’ van tal-ghamla Toyota Lite-Ace bin-numru tar-registrazzjoni EAV-342 kontenenti kwantita` ta’ sigaretti li l-valur taghhom jeccedi s-sitt elef Lira Maltin (LM6000) u oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta’ Francis Falzon minn Birkirkara;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Francis Falzon kontra l-volonta` tieghu;

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lill-imsemmi Francis Falzon jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga;
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Falzon skond kif gie ccertifikat minn Dr. N. Refalo MD ta' l-Isptar San Luqa;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna u/jew ta' serq, kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

6. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-31 ta' Dicembru tas-sena 2001 zammew u/jew garrew, jew kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar (senter) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` l-vettura ta' l-ghamla Toyota Lite-Ace bin-numru ta' registrazzjoni EAV-342, liema hsara tammonta ghall-izjed minn hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad-dannu ta' l-istess Francis Falzon;

8. Talli fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru tas-sena 2001, minn Triq il-Marsa, Hamrun kkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu ta' Aldo Fenech mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (LM1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data kkommettew serq ta' kwantita` ta' apparat tal-*hi-fi* tal-ghamla "Pioneer" u "Kenwood" mill-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu ta' Aldo Fenech mill-Hamrun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (LM1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misurqa;

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara din id-data volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura ta' l-ghamla Ford Fiesta bin-numru tar-registrazzjoni AAD-947 ghad-dannu tal-istess Aldo Fenech mill-Hamrun, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux izjed minn hames mitt Lira Maltin (LM500);

11. Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Lil Allan Magro wahdu:

1. Talli kiser il-provvedimenti ta' l-Artikoli 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 17 ta' Jannar tas-sena 2001 li biha kien gie misjub hati ta' reati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

Lil Mark Dimech wahdu:

1. Talli fl-istess data, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-gzejjer saq Van Toyota Lite-Ace bin-numru ta' registrazzjoni EAV-342, minghajr licenzja tas-sewqan b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, u dan kollu ai termini ta' l-Artikolu 3, tal-Kapitolu 104 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Talli kkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 15 t'Ottubru, tas-sena 2001;

3. Talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata l-20 ta' Lulju tas-sena 2001, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn hu kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

4. Talli sar recediv b'diversi sentenzi diversament preseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Lil Stephen Spiteri wahdu:

1. Talli kiser il-provvedimenti ta' l-Artikoli 9 ta' Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 18 ta' Lulju tas-sena 2001 li biha kien gie misjub hati ta' reati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1);

Ezaminat ix-xhieda guramentata imressqa f'din il-procedura, flimkien mad-dokumenti esebiti;

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat l-20 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu ra li tista' tinstab il-htija taht l-artikoli minnu hemm citati;

Rat in-nomina tal-Eccellenza Tieghu il-President kif rakkomandata mill-Prim'Imhallef datata s-17 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha l-Magistrat sedenti gie ordnat li jiehu konjizzjoni tal-procedura in dizamina;

Semghet ix-xhieda ulterjuri skond il-ligi;

Ezaminat fid-dettal ir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probationipprezentati fl-atti ta' din il-procedura wara li l-istess Ufficjali gew debitament appuntati ghal dan il-ghan ai termini tad-digriet taghha datat is-27 ta' Frar tas-sena 2008;

Illi f'dan l-istadju tiehu l-opportunita` tissolleva l-professjonalita` tar-rapporti sottomessi mill-Ufficjali tal-Probation u ghalhekk thossha mqieghda f'posizzjoni serena biex tghaddi l-gudizzzju finali taghha skond il-ligi;

Tirrilleva wkoll li l-imputati ammettew l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom;

Illi ghaldaqstant issibhom hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti;

Rat ghalhekk l-artikoli segwenti fil-konfront ta’ l-imputati kollha:

l-artikoli 18, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 276, 277, 278, 330, 279(b), 280, 281, 251, 325(a), 214, 215, 216, 217, 218, 334, 289, 49, 50, 28A sa 28H, 17(b)(h), 31, 20, 22, 23 u 553 tal-Kodici Kriminali;

Rat ukoll fil-konfront ta’ l-imputati kollha l-artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 u l-artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152;

Illi fil-konfront biss ta’ l-imputat Mark Dimech inoltre, rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104;

Ghaldaqstant tikkundanna lill-imputati ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fejn jirrizulta li l-imputati kienu ta’ eta` zghira meta effettwaw ir-reati in dizamina – wiehed minnhom addirittura kien anke minorenni; it-trapass taz-zmien mid-data tal-prezentata sad-data tad-decizjoni li ma jirrizultax li hu kollu ddebitat la lid-difiza u lanqas lill-Prosekuzzjoni li rapprezentant taghha dejjem jirrizulta effettiv f’din il-procedura kif kondotta mill-Magistrat prezentement sedenti; il-fatt li l-imputati kollha, kif jirrizulta mir-rapport ta’ l-Ufficjali tal-Probation ilhom li biddlu hajjithom u issa saru, ghal kuntrarju tal-posizzjoni taghhom precedenti, kontributuri ghaqlin tas-socjeta` wara li rnexxielhom jissuperaw aggravji enormi;

Rat ghalhekk l-artikolu 28A tal-Kap 9 u tordna li l-perjodu ta’ prigunerija fuq indikat ikun sospiz ghall-sentejn mil-lum,

Rat ukoll l-artikolu 28A (4) ta’ l-istess Kap u tiddikjara li spjegat b’mod kompressiv l-effetti ta’ l-imsemmija sentenza sospiza fuq l-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------